Triq Sannat
Ta' Sannat, SNT 9020
Għawdex, Malta

Tel: 00356 21554747
Fax: 00356 21563535
email: sannat.lc@gov.mt
http://www.sannat.gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Laqgħa Nru. 52 – 2016

Data: It-Tnejn 11 ta' Lulju, 2016

Hin: 1.35 p.m.

Post: Sala tal-laqgħat tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

---

Preżenti:
Philip Vella – *Sindku*
Frances Galea – *Viċi Sindku*
Joseph Bajada – *Kunsillier*
Maria Cassar Sultana – *Kunsilliera*
Margaret Said – *Kunsilliera*

Kasy Mercieca – *Ambaxxatur għaż-żgħażagħ*

Jason Curmi – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: 0

Assenti: 0

---

# AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 50/2016 u Nru 51/2016;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Kwotazzjoni SNT 01/2016 Tindif u manutensjoni tal-Latrina Pubblika;
5. Gozo for ALS – 12.8.2016
6. Il-Ġemellaġġ ma' Montefiascone
7. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
8. Ilmenti u Suġġerimenti;
9. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
10. Aġġornament.

**Minuti – 52/2016**

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 50 – 2016 u tal-Laqgħa b'urġenza Nru 51-2016

**1.1** Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, l-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċendenti Nru. 50 – 2016 u tal-laqgħa b'urġenza Nru 51 - 2016, li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew kkoreġuti. B'hekk wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Approvazzjoni tal-Minuti 50-2016 u Minuti 51-2016

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-resurfacing ta' Triq Skerla huwa lest. Issa r-resdenti u dawk li jiffrekwentaw id-daħla għal Ta' Ċenċ ser jgħaddu minn triq kif jixraq. Il-Kunsill faħħar ix-xogħol li sar. Is-Sindku qal li hemm bżonn ta' tindif tal-ispazzju miftuħ u lill-għamara, jinbidlu xi pjanti mejta u jitħawlu oħrajn minn flokhom u issir ħasla tajba lill-pavimentar u l-għamara mit-trabijiet. Il-Kunsill issa jistenna l-kont mingħand il-Kuntrattur biex jiġi ċċertifikat mill-Perit u s-Segretarju Eżekuttiv jinforma lill-Kumpanija Vodafone li x-xogħol lest biex isir il-ħlas minn naħa tagħhom. Triq Skerla

**2.2** Is-Sindku qal li wara li tlesta l-water culvert ta' Triq tal-Gruwa kien għad fadal li tingħata it-triq bit-tarmak u li din it-triq hija lesta ukoll. Dwar il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ tlestew ukoll u li jonqos biss hu l-aċċess għal bdiewa fl-egħlieqi tagħhom. Il-Kunsill qal li l-ħitan tas-sejjieħ ġew sbieħ. Is-Sindku qal li għad fadal xi irtokki żgħar f'dawn il-ħitan. Triq tal-Gruwa

**2.3** Is-Sindku semmha l-attivita' ta' Miss Sannateen u Fashion Show li l-Kunsill għadu ma sabx id-data għal din l-attivita'. Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet li meta tkellmet mas-sidien tal-ħwienet tal-ħwejjeġ dawn qalulha li l-aħjar żmien li biex issir fashion show il-ħwejjeġ ikunu tal-istaġun tar-rebbiegħa, għalhekk il-fashion show għandha ssir qrib Marzu. Miss Sannateen u Fashion Show

**2.4** Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 8 ta' Lulju 2016 fil-11.00 a.m., saret press conference fil-Gozo waste transplant tal-Kus, ix-Xewkija u li għal din attenda s-Segretarju Eżekuttiv dwar il-ġbir tal-iskart organiku li ser jibda f'Settembru li ġej. Ir-residenti ser jiġu nfurmati b'dan bieb bieb minn persuni mqabbda apposta fejn ser jingħataw spjegazzjoni dwar dan is-servizz, kontenitur u boroż tal-plastik bojod. Ġbir ta' skart organiku

**2.5** Dwar l-ikla it-tajba is-Sindku qal li l-Kunsill għandna niġbru aktar informazzjoni dwar din l-attivita' mingħand Valletta 18. L-ikla t-tajba – Valletta 18

**2.6** Is-Sindku nforma lill-Kunsill bl-avvenimenti tal-Festa Santa Margerita u qal li għal nhar il-Hamis tal-festa l-Għaqda taż-Żgħażagħ talbet l-għajnuna

tal-Kunsill biex tintefa Triq Marsilja mill-lampi tad-dawl u tinkera kaxxa tad-dawl permezz ta' applikazzjoni ma' Arms Ltd bi ħlas ta' €130 biex ikun hemm main switch tad-dawl għal waqt din l-attivita' f'din it-triq. Ser tinkera following spot għal nhar is-Sibt u l-Ħadd tal-festa, dak għas-Sibt għall-prezz ta' €80 għaliex ser tinxtegħel il-knisja b'dawl partikolari waqt il-logħob tan-nar tal-art u dak għal Ħadd ta' €50. | Ġimgħa tal-Festa 2016

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill dwar in-nefqa fil-ġimgħa tal-festa fejn il-Kunsill ser jikkolabora waqt dawn l-attivitajiet.
It-Tnejn ser jinkera PA system bil-prezz ta' €300, compere John Muscat €180 u kantant Rento €180;
It-Tlieta waqt il-kunċert fl-okkażżjoni tal-120 sena mit-twelid ta' Mro. Vincenzo Caruana Spiteri ser jiġi stampat ktejjeb dwar dan is-Surmast għall-prezz ta' €595;
L-Erbgħa – Kunċert Mużikali Annwali mis-Soċjeta Mużikali Sta Margerita fejn il-Kunsill ser jikkolabora f'din l-attivita' permezz ta' kiri ta' siġġijiet għal prezz ta' €125, sound €295 u dwal €380.

**2.7** Is-Sindku qal li Headmistress tal-iskola nfurmat lis-Segretarju Eżekuttiv dwar għajnuna biex isiru bankijiet għal picnic area, fil-ġnien tal-iskola. Hi qaltlu ukoll biex jinforma lill-Kunsill li hi tinsab kuntenta ħafna bir-riżultati tat-tfal tas-sitt klassi fejn dawn qabżu kollha il-bench mark din is-sena. | Skola Primarja Ta' Sannat

**2.8** Is-Sindku qal li ħafna mill-qsari u x-xtieli fir-raħal jinsabu mejtin u bla ħajja u talab li dawn jinbidlu u jitħawlu oħrajn ġodda minn flokhom. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li biex dawn jibqgħu ħajjin u jiffjorixxu dawn għandhom bżonn tat-tisqija regolari. Għalhekk hu ssuġġerixxa li jintalbu kwotazzjonijiet għat-tisqija lill-dawn il-qsari u s-soft areas madwar ir-raħal. Is-Sindku qal li fuq il-ġibjun fi Triq il-Kbira hemm bżonn li jsir refurbishment. Il-Kunsill qabel ma dan. | Xtieli u Qsari madwar ir-raħal u tisqija

**2.9** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill biex qabel il-festa jsir patching ta' ħofor fi Triq Ta' Ċenċ fejn saret it-trinka mill-Kumpanija Vodafone u li f'din it-triq ser tingħata wiċċ ġdid fil-futur qarib bit-tarmak mill-MGOZ. Il-Kunsill għandu jinforma b'dan lill-Assistent Direttur għall-Proġetti u Żvillup tal-MGOZ biex il-Kunsill jiprovdi l-materjal u l-MGOZ jipprovdi l-ħaddiema biex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel ma dan. | Patching fi Triq Ta' Ċenċ

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.1** Is-Sindku qal li l-JP2 Foundation kienu talbu għajnuna biex jibgħatu nviti lill-residenti barranin għall-attivita' li saret nhar is-Sibt 8 ta' Lulju 2016 fil-Knisja Parrokjali Ta' Sannat bis-sehem ta' kor St. Switchun Choir mill-Ingilterra. Dwar dan kien hemm qbil. | JP2 Foundation inviti

**3.2** Is-Sindku semma li Community Workers Scheme Enterprise Foundation bgħatet imejl/kuntratt (Memorandum Agreement) dwar il-Performance Bonus tal-ħaddiema mill-Kunsill. Id-DLG infurmawna biex għalissa ma jsir xejn dwar dan. | CWSEF - kuntratt

**3.3** Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva nformazzjoni dwar European Mobility Week. Dwar dan il-Kunsill għandhu jara jekk hux viabli li jipparteċipa.

European Mobility Week

## 4. Kwotazzjoni SNT 01/2016 Tindif u manutensjoni tal-Latrina Pubblika

**4.1** Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mall-Kunsill fetħu l-kaxxa tal-offerti għal kwotazzjoni mixħuta SNT 01/2016 Tindif u manutensjoni tal-latrina pubblika. Dawn kienu tlieta:

| | |
|---|---|
| Teddy Bajada o.b.o. Sannat Lions F.C. | €129.99 fix-xahar |
| Micheal Angelo Spiteri | €350.00 fix-xahar |
| George Spiteri | €134.19 fix-xahra |

Il-Kunsill għażel l-irħas offerta dik ta' Teddy Bajada o.b.o. Sannat Lions F.C. għal prezz ta' €129.99 fix-xahar, l-offerta li kienet mimlija kif mitlub u bid-dokumenti rikjesti. Dan is-servizz għandu jibda minn nhar il-Ġimgħa 22 ta' Lulju 2016.

Kwotazzjoni SNT01/2016 Tindif u manutensjoni tal-Latrina Pubblika

## 5 Gozo for ALS – 12.8.2016

**5.1** Is-Sindku qal li l-programm għas-serata tal-Gozo for ALS li ser issir nhar il-Ġimgħa 12 ta' Awwissu 2016 issa lest u qal li ser issir press conference dwar dan l-avveniment. Il-Hamis, ġurnata qabel il-11 ta' Awwissu 2016 ser isiru il-Giochi it's a knockout fil-pjazza ewlenija u ser isiru ukoll fun runs fejn ser jinġabru fondi apposta għal dan il-ġest nobbli. L-Ammbaxxatriċi taż-żgħażagħ għandha ssib t-timijiet għal Giochi it's a knockout.

Gozo for ALS

## 6. Il-Ġemellaġġ ma' Montefiascone

**6.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara diversi tentattivi li għamel kemm bit-telefown u bl-imejl mas-Sindku l-ġdid ta' Montefiascone, hu qal li kien aħjar li jiltaqgħa miegħu u jitkellem wiċċ imb wiċċ biex jispjegalu dwar il-fondi li l-Kunsill kien akkwista mill-E.U. Għalhekk hu telgħa l-Italja biex jitlaqa' miegħu, jinfurmaħ u jispjegalu dwar dan kollu li l-Kunsill tagħna kien ibbenefika biex jospita grupp ta' 43 persuna minn Montefiascone f' Ta' Sannat. Is-Sindku qal li ntlaqgħa ħafna mis-Sindku Massimo Paolini u wegħdu li dan il-ġemelaġġ ser jitkompla għal ġid taż-żewġ lokalitajiet. Is-Sindku qal li għal dan il-għan ser jaħtar sottokumitat.

Ġemellaġġ - Montefiascone

## 7. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**7.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra mibgħuta mid-Direttur tad-DLG dwar Żbilanċ Finanzjarju tal-Kunsill għas-sena 2015. Dwar dan hu nforma lill-Kunsill li ser issir laqgħa apposta mad-Direttur, id-data ser titħabbar il-quddiem. Hu talab biex il-Kunsillieri jattendu għal din il-laqgħa ferm importanti.

Żbilanċ Finanzjarju 2015

**7.2** Is-Segretarju Ezekuttiv qal li wara li ġie nfurmat mill-Gozo Action Group Foundation qal li ser jiġi ppublikat kuntratt ġdid forma ta' Att Pubbliku li minnhu l-Kunsill Lokali Ta' Sannat jifforma parti u li għandu jiġi propost li s-Sindku jiffirma dan il-Kuntratt il-ġdid, jekk le jiġi ffirmat minn sostitut.

GAGF Kuntratt ġdid

**7.3** Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dwar il-fanal miksur fi Triq Sannat hu kien talab kwotazzjoni mingħand Rapa Showrooms Co. Ltd. fejn dan bhalu l-istess hu stmat €859.47. Il-Kunsill ma ħax deċizjoni dwar dan.

Fanal Miksur Triq Sannat

**7.4** Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex jintalbu kwotazzjonijiet għat-tisqija tal-pots bil-qsari u siġar fis-soft areas tal-Kunsill u biex jintalbu kwotazzjonijiet oħra għal mili tal-ġibja fil-Ġnien tal-Bidwi. Il-Kunsill qabel ma dan.

Kwotazzjonijiet tisqija soft area u milli tal-ġibja fil-Ġnien tal-Bidwi

**7.5** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularitajiet mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri. Dawn huma:
Ċirkulari Numru 3/2016 – Maratona tal-Volleyball b'risq id-Dar tal-Providenza – 20 ta' Ġunju 2016
Ċirkulari Numru 4/2016 –Gheluq tal-proċess ta' intervisit għal kandidati għall-Iskema ta' Impjieġ Inklussiv fil-Kumunita' (CIES) – 5 ta' Lulju 2016
Ċirkulari Numru 5/2016 – Kjarifika għal Ċirkulari 2/2016 – Permessi għall-Ħatt ta' merkanzijia minn fuq trailers – 5 ta' Lulju 2016
Ċirkulari Numru 6/2016 - Obbligi u Dmirijiet tas-Segretarju Eżekuttiv

Ċirkularijiet mid-DLG

## 8. Ilmenti u Suġġerimenti

**8.1** Is-Sur Paul Muscat qed jissuġġerrixxi li tissemma Triq Mġarr ix-Xini peress li hu jabita hemm. Il-Kunsill għandu jinforma b'dan lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq f'Għawdex.

**8.2** Is-Sur Saviour Xuereb ta' Triq Ta' Ċenċ qed jitlob li tiġi rranġata l-bankina ta' quddiem il-garaxx tiegħu. Il-Kunsill qabel ma dan u x-xogħol jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill u jitlob l-materjal lill-MGOZ.

**8.3** Il-Kuntrattur tal-latrina pubblika qed jitlob li l-inspaction tad-drenaġġ ta' quddiem il-latrina tiġi mibdula għal għatu tal-plastic minflokk dik li hemm tal-konkos. Il-Kunsill qal li dan ix-xogħol għandu jsir meta ssir it-triq bit-tarmak.

**8.4** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li xi residenti ġibdulu l-attenzjoni li t-tabelli tal-parkeġġ fi Triq 28 ta' April 1688 għandhom bżonn il-bdil peress li dawn saddu u li kien hemm minnhom li waqgħu. Il-Kunsill għandu jordna oħrajn minn flokhom.

## 9. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**9.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 7/2016 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill.

Pagamenti

Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti.

## 10. Aġġornament.

**10.1** Il-laqgħa ntemmet fit-3.20 p.m. u ġiet aġġornata għal laqgħa oħra nhar it-Tnejn 22 ta' Awwissu 2016, fis-1.30 p.m. Aġġornament

***(iffirmata)***

***Philip Vella***
*Sindku*

***(iffirmata)***

***Jason Curmi***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 22 ta' Awwissu 2016